# Wirja tfakkar il-mixja twila tal-ilsien Malti sakemm kiseb l-għarfien uffiċjali

**Stqarrija | 21 ta' Frar 2023**

Fil-Mużew Nazzjonali tal-Arkeoloġija, il-Belt Valletta, tnediet wirja li tagħti ħarsa lejn il-mixja twila tal-ilsien Malti sakemm kiseb l-għarfien uffiċjali, filwaqt li tagħti ġieħ lil dawk li ħadmu biex il-Malti jingħata r-rikonoxximent mistħoqq.

Il-wirja, bl-isem *Il-Malti: Il-Mixja sal-Għarfien Uffiċjali*, ġiet inawgurata mill-Eċċellenza Tiegħu l-President ta' Malta, u qed issir b'kollaborazzjoni bejn Heritage Malta u l-Akkademja tal-Malti, li twaqqfet fl-1920 u kienet magħrufa bħala l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti. Il-wirja tibqa' għaddejja sal-aħħar ta' April.

Imqassma fuq għaxar temi, il-wirja tkopri l-istorja tal-ilsien Malti mill-għeruq Semitiċi tiegħu sakemm fl-1964 ġie dikjarat bħala l-ilsien nazzjonali ta' Malta u fl-2004 bħala wieħed mill-ilsna uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Permezz ta' dokumenti, kotba u tabelli bit-tagħrif, il-wirja tlaqqagħna fost oħrajn mal-*Kantilena* ta' Pietru Caxaro, il-prietki bil-Malti ta' Ignazio Saverio Mifsud, il-kitbiet ta' Agius de Soldanis u Vassalli, l-unika ħarġa tal-gazzetta *L'Arlecchin* bil-Malti f'Diċembru tal-1838, il-kwistjoni tal-lingwa, it-twaqqif tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, kif ukoll xogħlijiet monumentali bħat-traduzzjoni tal-Bibbja minn Pietru Pawl Saydon u d-dizzjunarju ta' Ġużè Aquilina.

B'rabta ma' din il-wirja, nhar il-Ġimgħa li ġej se ssir taħdita minn Dr Mario Cassar dwar l-ilsien Malti fi żmien l-Ordni (1530 – 1798). It-taħdita se ssir fil-Mużew Nazzjonali tal-Arkeoloġija u tibda fis-6.30pm. Id-dħul huwa bla ħlas u m'hemmx bżonn li wieħed jirriserva post minn qabel.

F'kelmtejn fl-inawgurazzjoni tal-wirja, il-President George nnota kif minn din il-wirja joħroġ li l-mixja biex ilsienna jibqa' ħaj għadha għaddejja u trid tibqa' għaddejja. Joħroġ ukoll il-fatt ta' kemm ilsienna ta prova matul is-snin li għandu pedamenti sodi u kemm huwa reżiljenti u kapaċi jadatta għal żminijiet u sfidi differenti. Ilsienna, qal il-President, minbarra li jifforma parti mill-kultura u l-identità tagħna, huwa element qawwi li jgħaqqadna bħala ġens. Għaldaqstant, appella għal aġġornament kontinwu li jirrispetta kemm l-għeruq kif ukoll l-istruttura u t-tħaddim tal-lingwa bil-għan li lsienna nżommuh ħaj u attiv.

"Hija ħasra li l-użu tal-Malti fostna qed jonqos", stqarr il-President waqt li semma kif il-Malti qed jiddakkar aktar minn qatt qabel minn elementi tal-lingwa Ingliża. Semma wkoll kif il-Malti qed jintilef bil-mod il-mod fost l-eluf ta' Maltin li jgħixu barra minn Malta. "Huwa minħabba dawn il-kunsiderazzjonijiet li l-

+356 2295 4000
info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

35 Dawret Fra Giovanni Bichi
Il-Kalkara KKR 1280
Malta

Uffiċċju tiegħi dejjem fittex li jaħdem mill-qrib mal-għaqdiet tal-Malti bil-għan li jiġu identifikati miżuri konkreti li jgħinuna naslu għall-użu tajjeb tal-lingwa Maltija, kif ukoll għall-użu ta' Malti tajjeb," żied jgħid il-President waqt li għamel referenza għall-kampanja 'Il-Malti għal Qalbi' li qed isir b'kollaborazzjoni bejn l-Uffiċċju tal-President u seba' għaqdiet tal-Malti.

Il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, Owen Bonnici, qal li din hija wirja li tfakkar 100 sena ta' perseveranza għall-ilsien Malti. Kull lingwa għandha karatteristiċi li jagħmluha unika u dawn irridu nippreservawhom bl-aħjar mod possibbli sabiex l-identità ta' kull pajjiż inżommuha ħajja. Ħadd ma jista' jiċħad li dawn il-wirjiet Maltin huma element importanti tal-identità Maltija. Grazzi għal-lingwa Maltija, aħna bħala poplu esprimejna bl-aqwa mod l-ambizzjoni tagħna lejn l-identità tagħna, qal il-Ministru.

Iċ-Chairman ta' Heritage Malta, is-Sur Mario Cutajar, qal li l-ilsien Malti huwa wirt tagħna l-Maltin. Bħal kull patrimonju ieħor, huwa misluf lilna biex nieħdu ħsiebu ħalli nħalluh lil ta' warajna u jkun mod kif jiddistingwu ruħhom minn popli oħra. Din il-wirja, qal is-Sur Cutajar, għandha tliet għanijiet: l-ewwel li nirrikonoxxu li l-ġrajja ta' lsienna ma kinetx faċli u ħaqqhom ġieħ kbir dawk li ħadmu kemm felħu għalih; it-tieni biex niġu xprunati nindunaw u nifhmu li l-ilsien Malti huwa wirt tagħna li ta' min jgħożżu; u t-tielet biex nitgħallmu mill-imgħoddi, napprezzaw ilsienna u nibżgħu għalih. Jekk inżommu dawn it-tliet għanijiet ħajjin inkunu qed nagħtu l-ikbar ġieħ u nagħmlu ħaqq ma' dawk li ddedikaw ħajjithom għall-ilsien tagħna għax fehmu, meta oħrajn warrbuh, li dan huwa parti mill-identità tagħna l-Maltin.

Is-Sur Joseph Borg, Segretarju tal-Akkademja tal-Malti, fakkar li Heritage Malta u l-Akkademja tal-Malti ilhom jaħdmu mill-qrib fuq din il-wirja sa mill-2015. Il-kollaborazzjoni bdiet mit-taħdita li saret f'għeluq l-450 anniversarju tal-Assedju l-Kbir u kompliet permezz ta' pubblikazzjonijiet, fosthom id-*Damma* ta' Agius de Soldanis fl-2016 u *Storja tal-Ilsien u l-Letteratura Maltija – kronoloġija* ta' Dr Mario Cassar fl-2021. Huwa fisser li din il-wirja kienet ippjanata għaċ-ċentinarju mit-twaqqif tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti fl-2020 imma l-pandemija ħarbtet il-pjan. B'danakollu l-ħidma baqgħet għaddejja sakemm eventwalment il-ħsieb irnexxa. Is-Sur Borg osserva wkoll li huwa ta' sodisfazzjon kemm għal Heritage Malta kif ukoll għall-Akkademja li l-wirja ħabtet fl-istess żmien li għaddejja l-Kampanja 'Il-Malti għal Qalbi' – inizjattiva tassew f'waqtha mill-Eċċellenza Tiegħu l-President ta' Malta organizzata bi sħab mal-għaqdiet tal-Malti.